TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 117/16/GB

**Graziella Bellizzi**

**vs**

**Sario Saliba**

Illum 27 ta' Lulju 2016

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fis-6 ta' Gunju, 2016 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' tlet elef Ewro (€3,000.00), rapprezentanti parti mill-prezz li hallset lill-intimat ghal diversi xogholijiet fid-dar taghha, liema xogholijiet ma sarux skond is-sengha u l-arti.

L-intimat ma pprezentax risposta bil-miktub ghal din it-talba, pero' attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti, li hija l-istess rikorrenti, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija kienet qabbdet lill-intimat sabiex jaghmlilha x-xogholijiet fid-dar taghha. Ghall-ewwel, l-intimat kien ikkonvinciha li xoghlu jaghmlu sew u li ma jhobbx jidhaq bin-nies, tant illi r-rikorrenti hallsitu waqt li x-xogolijiet kienu ghadhom ghaddejjin u mhux lesti, pero' wara sabet li x-xoghol ma kienx sar sew. Meta hija lmentat ma' l-intimat, huwa kien wieghda li kien se jirranga x-xogholijiet hziena, pero' dan kien kollu ghal xejn. Ir-rikorrenti xtaqet li jilhqu ftehim, pero' dan ma rnexxiex.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebiet sett ritratti, li gew immarkati bhala Dok.GB1; flimkien ma' kopja tar-ricevuta, li giet immarkata bhala Dok.GB2.

Xehed Lawrence Spiteri, prodott mir-rikorrenti.

It-Tribunal, jinnota li sal-hin tas-seduta l-intimat kien ghadu ma baghatx risposta bil-miktub, u ghalhekk baqa' kontumaci.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett da parti ta' l-intimat lejn ir-rikorrenti, billi ma pprezentax ir-risposta tieghu bil-miktub ghat-talba in kwistjoni. It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, u fuq ezami tal-provi prodotti, jikkonkludi illi kien hemm nuqqas ta' servizz da parti ta' l-intimat u ghalhekk qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna lill-intimat ihallas l-ammont ta' tliet elef Ewro (€3,000.00) lir-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-intimat.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**